Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **26 ta' Ottubru 2021**

# Mappa tad-dinja ssib postha fil-kollezzjoni nazzjonali u tispira żifna

Mappa tad-dinja li għandha bejn wieħed u ieħor 320 sena ġiet akkwistata minn Heritage Malta biex tkun parti mill-kollezzjoni nazzjonali u maż-żmien issib postha bħala wieħed mill-esebiti ewlenin tal-Mużew ta' Għawdex. Il-mappa ispirat ukoll il-koreografija ta' żifna fi spettaklu li ttella' dan l-aħħar minn ŻfinMalta.

Il-mappa oriġinali kienet saret minn Antonino Saliba, Għawdxi li għex fi żmien Galileo Galilei u Johannes Kepler u li hemm il-possibbiltà li kien jaf personalment lil mill-inqas wieħed minnhom. Huwa kellu lawrja fil-liġi kanonika u fil-liġi ċivili kif ukoll fil-filosofija, filwaqt li kien jeċċella fil-matematika, fl-astronomija u fl-astroloġija. Dan jindika li aktarx irċieva l-edukazzjoni tiegħu barra minn Malta, billi dak iż-żmien kien impossibbli li wieħed jistudja f'dawn l-oqsma lokalment. Saliba kien ukoll l-ewwel Malti li kiseb fama internazzjonali bħala xjentist u l-ewwel Malti li xogħlijietu ġew stampati.

Il-verżjoni oriġinali tal-mappa kienet tnaqqxet minn Mario Cartaro f'Napli u ġiet ippubblikata bit-Taljan fl-1582. Għal aktar minn seklu wara, saru bosta kopji tagħha minn esperti tal-mapep fl-Ewropa kollha, billi kienet meqjusa bħala biċċa xogħol mill-aqwa. Fid-dinja kollha, eżempju wieħed biss tal-verżjoni oriġinali hu magħruf li jeżisti. Dan jinsab fil-Ġermanja, fil-Herzog August Bibliothek, f'Wolfenbüttel.

Il-verżjoni li akkwistat Heritage Malta hija bl-Olandiż u ġiet stampata f'Haarlem għall-ħabta tal-1700. Kienet inħarġet minn Ambrosius Schevenhuyse, negozjant tal-mapep u xogħlijiet artistiċi. Heritage Malta xtrat il-mappa minn Londra, mingħand negozjant ta' kotba rari.

Il-mappa ta' Saliba hija tassew sabiħa u affaxxinanti u tikkonsisti f'disa' ċrieki konċentriċi li jirrappreżentaw id-dinja mil-lenti ta' astronomu tas-seklu 16. Fiċ-

ċrieku jidhru nirien, kometi, irjieħ, sħab, maltempati, bnedmin, djar u siġar, u saħansitra dinja taħt l-art kif ukoll l-infern.

Il-ġmiel u l-istorja tal-mappa servew ta' ispirazzjoni għal ŻfinMalta, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin. Fi spettaklu ta' żfin kontemporanju li l-kumpanija tellgħet fit-2 ta' Ottubru fit-Teatru Aurora, ġiet inkluża żifna bil-koreografija tad-direttur artistiku tal-kumpanija, Paolo Mangiola, li kien ispirat mill-mappa wara li ngħata spjegazzjoni dwarha minn Nicoline Sagona, kuratriċi fi ħdan Heritage Malta.